# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 7/2020

23 ta' Lulju, 2020

Il-Kunsill Lokali Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:4:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Vici Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Mark Cocker | Kunsillier |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

7.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 6.2.1 (slow streets) il-Kunsill kellu laqgħa mal-persuna li ser tkun qegħda tagħmel l-istudju relatat ma' din l-inizzjattiva flimkien ma kunsulent minn barra l-pajjiż. Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-laqgħa li kienet saret, u kkonferma li l-Kunsill kien ta l-approvazzjoni sabiex jibda jsir l-istudju neċessarju. Is-Sindku qal illi issa skont ir-rapport li jtuna, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi x'bidla tista' ssir sabiex jitnaqqas it-traffiku kif ukoll jinħolqu areas ta' rikreazzjoni għaċ-ċittadin.

7.2.2 Is-Sindku qal illi ref punt 6.2.2 (giebja fi Ġnien Sir Alexander Ball) il-Kunsill kien imlieha sa nofsha u wara ftit aktar minn ġimgħa kienet għadha l-istess livell. Is-Sindku qal illi issa kien imiss illi naraw x'hemm bżonn sabiex il-ġardinar jkun jista' jieħu l-ilma mill-istess ġiebja.

7.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 6.2.4 (tabella fejn il-borehole) il-Kunsill kien ordna waħda ġdida li diġa' kienet twaħħlet.

7.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 6.2.5 (żbir tal-palm) kien iltaqa' ma tal-Cleansing Department li kkonfermaw illi ser jagħmlu ż-żbir tal-palm li kien fadal kif ukoll li kienu ser jaqilgħu s-siġra taż-żebbuġ mejta li għaliha kellna l-permess mill-ERA.

7.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 6.2.8 fil-minuti ma kienx hemm indikat għal liema restawr qed nirreferu u għalhekk għandha tiġi 'r-restawr tal-ħajt ta' barra ta' Ġnien Sir Alexander Ball'.

7.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 6.2.9 (roundabout Triq il-Karwija) huwa kien tkellem mal-maġġur tal-armata li kien għarrfu illi fejn il-Kunsill kien qed jikkunsidra li jagħmel ġibjun fil-fatt diġa' kien hemm wieħed fl-akwata. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilita' li nużaw l-istess ġibjun u qabel illi l-aħjar mod possibbli li nkunu nafu huwa li iddiskuta l-idea mal MIP li diġa kienu għamlulna s-survey tal-akwata.

7.2.7 Is-Sindku qal illi ref punt 6.4.1 (toroq) xtaq jagħti update tax-xogħolijiet. Huwa qal illi Triq San Gwann, Triq it-Tellerit u Sqaq tal-Ġarra issa kienu lesti u li kien fadal biss li jsiru l-linji tat-toroq u xi tindif.

7.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kinitx tranġat it-tappiera fi Triq San Gwann l-fuq mil-Lidl. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għamel rapport lil Water Services.

7.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk Triq San Pawl Sqaq Nr 1 kinitx ser issir. Is-Sindku qal illi minħabba li kien hemm parti fit-triq illi l-quddiem ser ssir privata, Infrastructure Malta ma tħossx illi jagħmel sens illi jintefqu l-ispejjeż u 'l quddiem jinbena. Minħabba f'hekk is-Sindku qal illi huwa kien talab illi ssir il-parti pubblika biss bi Stencil

Concrete filwaqt illi l-parti l-oħra tiġi bil-konkos, li għaliha sa issa l-Kunsill ma kienx irċieva konferma bil-miktub.

7.2.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 6.4.8 ukoll kien hemm l-isem tat-triq nieqsa u għandha tkun 'Sqaq Nr 2 Triq San Pawl'

7.2.10 Is-Sindku qal illi rigward is-sample li l-Kunsill kien għażel sabiex jiġi fil-faċċata ta' Ġnien Sir Alexander Ball, il-perit kien bagħat illi peress li l-maduma kienet kbira kien hemm il-possibbilita' illi bil-piż ta' trakk tinkiser, għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi illi tintagħżel maduma iżgħar. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Viċi Sindku li kkonferma illi l-Kunsill għandna jmur għal maduma kwadra minħabba l-estetika. Wara li l-Kunsill ikkonsultaw flimkien il-Kunsill reġa'għażel waħda mis-samples provduti sabiex jitqiegħed quddiem il-Ġnien Sir Alexander Ball.

7.2.11 Il-Viċi Sindku qal illi r-roundabout 'l fuq miċ-ċimiterju għadha lanqas tlestiet it-triq u l-parti tan-nofs tar-roundabout diġa' faqqgħet.

7.2.12 Is-Sindku qal illi ref punt 6.5.7 (għajnuna għall-annimali) waqt l-aħħar laqgħa l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet staqsiet rigward l-applikazzjoni għal stray cats. Is-Sindku qal illi l-għada tal-laqgħa tal-24 ta' Ġunju, 2020 kienet reġgħet ħarġet l-inizzjattiva minħabba l-kura tal-qtates stray. Huwa qal illi għal din l-inizzjattiva kienet organizzata laqgħa ta' informazzjoni li għaliha attendiet is-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi l-Kunsill tagħna diġa kien tefa' l-applikazzjoni u ta d-dettalji ta' kif ser tkun qed titmexxa din l-inizzjattiva. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi jekk nieħdu l-fondi għal din l-inizzjattiva, għandna navżaw il-feeders illi jekk ma tinżammx l-indafa fejn jitimgħu l-qtates, dawn awtomatikament jitilfu d-dritt għal vouchers.

7.2.14 Is-Sindku qal illi rigward iz-zuntier kien tkellem mal-kuntrattur li kien għamel ir-restawr taz-zuntier li kkonferma illi kien ser jieħu ħsieb iġib l-kimika li hemm bżonn sabiex jitnaddfu il-balavostri.

7.2.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għalkemm waqt l-aħħar laqgħa kien qajjem xi punti dawn ma tniżżlux fil-minuti. Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Minuti għandhom jiġu emendati.

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku qal illi diġa' kien ressaq il-punti kollha waqt il-korrezzjoni tal-minuti.

7.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

7.4.1 Il-Vici Sindku s-Sur Francis Callus irringrazzja lill-Kunsill tal-Yellow lines quddiem il-*garage* u qal illi s-sitwazzjoni tjiebet ftit.

7.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kienet ser torganizza *bike hike*. Hija qalet illi din il-bike hike ser tkun minn Ħal Safi sa Ħal Far u lura. Il-Kunsill qabel illi għandna nsibu xi  voluntiera sabiex iżommu t-traffiku minħabba s-sigurta' waqt dan il-bike hike.

7.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha l-ħsieb torganizza attivita' għal Filfla pero' d-data kienet għadha mhix konfermata.

7.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġġerixxiet illi l-Kalendarju li jsir ta' kull xahar bl-attivitajiet jiġu avżati *online* sabiex b'hekk nkunu qiegħdin nibżgħu aktar għal ambjent ukoll. Il-Kunsill qabel.

7.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha l-ħsieb illi torganizza water games għat-tfal. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtru pool għal din l-attivita, pero' d-data kienet għadha mhix konfermata.

7.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Clean Up tad-dawra tal-Ħlantun kienet saret  b'suċċess.

7.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi issa li x-xogħolijiet fi Triq it-Tellerit tlestew għandha tinqala' t-tabella li turi li hemm *id-diversions*. Is-Sindku kkonferma illi kien qal lill-kuntrattur sabiex dawn jinqalgħu kollha.

7.4.8 Il-Kunsillliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi s-soft area fejn iċ-ċimiterju kellu bżonn jinħarat.

7.4.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fi Triq il-Kuċċard kien hemm pole fin-nofs tal-bankina. Is-Sindku qal illi dan il-pole kien tal-Każin u li diġa' kien talabhom sabiex jneħħuh.

7.4.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kien daħlilha lment illi parti mic-central strip ser tiġi bil-ħamrija u mhux konkos bħal ta' Vjal ix-Xarolla.

7.4.11 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex avżajna sabiex jitpoġġa l-valenu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi diġa' kien tqiegħed il-valenu fit-toroq li konna rrappurtajna.

7.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Ġnien quddiem il-Kunsill kienx qed jissaqqa. Is-Sindku kkonferma illi dan il-Ġnien kien qed isaqqih il-kuntrattur tagħna pero' ovvjament minnħabba s-sħana forsi kellu bżonn aktar frekwenti.

7.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kien hemm bajtra int u sejjer lejn B'Bugia tant kibret illi ħarġet il-barra ħafna. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ser jistaqsi lil sid il-bajtra sabiex tinżabar.

7.4.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kien hemm borża sewda mitluqa fejn il-borehole.

7.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi Triq tal-Ajżar int u dieħel lejn l-isqaq kienet qed titwaqqa' dar bil-konsegwenza li nħoloq periklu kbir u lanqas qed ikun hemm dawl bil-lejl.

Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill kien diġa' għarraf lil B.R.O

7.4.16 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva rigward il-ħajt li hemm fi Triq il-Kenn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet il-Kunsill ma kienx ħa rispostqa pero' kienet ser terġa tibgħat reminder.

7.4.17 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-weekend break u kemm kien fadal ċans li wieħed japplika. Is-Sindku qal illi sa ftit jiem qabel wieħed kien jista' japplika.

7.4.18 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq tal-Ajzar fejn id-drive in ma' Sqaq Hannux kien hemm mera li nqalgħet minħabba li kien sar xi bini u li din għandha terġa' titqiegħed.

7.4.19 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx jaf meta ser jerġgħu jiftħu s-servizzi bħal berġa. Is-Sindku qal illi sa issa kull ma kkonfermaw li ser terġa' tibda hija l-Speech Therapy pero' rigward il-berġa għadhom ma bagħatux jgħidulna meta.

7.4.20 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kellux jagħmel xi ħaġa rigward ir-restawr tal-Koppla u lanterna. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien fil-proċess illi joħroġ it-tender għal dawn ix-xogħolijiet.

7.5 Rapporti

Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Report 2020

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet t-tieni Quarterly Financial Statements Q1 (April – Ġunju 2020). Dan ġie approvat sabiex jiġi uploadjat.

7.6 Ħatra tal-Bord Evalwazzjoni tal-Kuntratt Ħitan tas-Sejjieħ

Is-Sindku qal illi issa li għalaq it-Tender għal Kuntratt tal-Ħitan tas-Sejjieħ kien jinħtieġ li jinħatar il-bord sabiex issir l-evalwazzjoni tiegħu. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-Kunsilliera kollha jkunu parti mill-bord għall-evalwazzjoni tat-tender.

7.7 Ħatra tal-Bord Evalwazzjoni tal-Kuntratt Drip Irrigation

Is-Sindku qal illi it-Tender għall-Kuntratt Drip Irrigation ukoll kien għalaq u għalhekk ukoll kien jinħtieġ li jinħatar il-bord sabiex issir l-evalwazzjoni tiegħu. Is-Sindku ssuġerixxa illi l-Kunsilliera kollha jkunu parti mill-bord għall-evalwazzjoni tat-tender.

7.8 Festa

Is-Sindku qal illi għalkemm l-affarijiet din is-sena qed jinbidlu mill-lum għal għada, diġa' kien attenda żewġ laqgħat mal-Kappillan u s-Segretarju tal-Każin. Is-Sindku qal illi din is-sena t-toroq kienu ser jingħalqu bejn l-24 ta' Awwissu u l-31 ta' Awwissu. Huwa qal illi konna għad irridu naraw minn fejn ser jgħaddi l-pellegrinaġġ.

Is-Sindku ta d-dettalji tal-program li ser ikun

It-Tnejn: Purċissjoni tat-tfal

It-Tlieta: Fiera u Bar-b-que

L-Erbgħa: Get together

Il-Ħamis: Pasta Night

Il-Ġimgħa: Marċ il-Kbir

Is-Sibt: Xejn

Il-Ħadd: Quddiesa filgħodu u pellegrinaġġ filgħaxija.

Is-Sindku qal illi bħal snin oħra kien ser jieħu ħsieb illi jordna l-*floodlights* fil-pjazza, mobile toilets għal pjazza u 2 skips ukoll għal pjazza.

7.9 Passi Dixxiplinari ta' Impjegata

Is-Sindku spjega kif l-impjegata kienet imwissija sabiex tidħol xogħol nhar il-Ġimgħa 17 ta' Lulju, 2020 għaliex diġa' kien hemm l-impjegat l-ieħor bil-leave fl-istess ġurnata. Is-Sindku qal illi hija baqgħet ma rrapurtatx għax-xogħol f'din il-ġurnata kif ukoll dak innhar tal-laqgħa mingħajr ma avżat. Is-Sindku qal illi din l-impjegata kienet diga' qiegħda fuq l-aħħar twissija u għalhekk issuġġerixxa illi l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment b'kopja lid-Direttur Ġenerali sabiex jinħatar bord awtonomu u l-impjegata tal-Kunsill titla' quddiemu sabiex jittieħdu l-passi dixxiplinari kontriha. Is-Sindku qal ukoll illi l-ġranet illi din l-impjegata ma rrapurtatx għax-xogħol għandhom jitqiesu bħala assenti u ma titħallasx tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla u l-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus ġew skużati mill-laqgħa fis-7.50pm

7.10 Korrispondenza

7.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-incoming mail lill-Kunsilliera u saret diskussjoni fuq diversi e-mails li rċieva l-Kunsill.

7.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

7.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-8.15pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 13 ta' Awwissu, 2020 fl-4:00 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttivi |